IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | 11 ta’ Diċembru 2020 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.
Ikteb b’Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

**Agħżel suġġett WIEĦED u ikteb komponiment ta’ bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Taqbel li l-ħwienet il-kbar jarmu l-ikel li jibqgħalhom fuq l-ixkafef?
2. Hemm nies li xogħolhom hu li jinfluwenzaw lil ħaddieħor permezz tas-siti soċjali.
3. Is-safar bl-ajru bl-irħis għamilha possibbli li jsiefru aktar nies. Imma qed jitħallas prezz ambjentali kbir.
4. Il-prezz tal-ħwejjeġ għal min jixtrihom u għal min jaħdimhom.
5. Is-sens ta’ komunità waqt l-imxija tal-COVID-19.
6. Għandna ninvestu r-riżorsi tagħna biex intellgħu n-nies fuq il-qamar?

**(Total: 30 marka)**

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

**Agħżel titlu WIEĦED. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. L-ilsien Malti nbidel maż-żmien billi ssellef kemm kliem kif ukoll forom morfoloġiċi mit-Taljan u mill-Ingliż. Iddiskuti.

2. Il-morfema, l-iżgħar unità lingwistika mogħnija bit-tifsir, nistgħu nikklassifikawha f’tipi differenti. Iddiskuti dawn it-tipi billi tiffoka fuq il-mekkaniżmi morfoloġiċi tal-Malti.

3. Uri kif il-kliem jista’ jkun ambigwu billi tittratta l-omonimija, l-omofonija u l-omografija.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok, aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IL-POEŻIJA**

**Agħżel titlu WIEĦED b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.**

1. Il-poeti ta' qabel l-Indipendenza u ta' wara jispiraw ruħhom mill-pajsaġġ naturali, kemm bħala individwi u kemm bħala membri ta' komunità. X'inhuma dawk l-elementi fl-ambjent naturali Malti li l-aktar jispiraw, u jinkwetaw, lill-poeti?

2. Ħafna drabi l-poeti miġburin fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija* jippreżentaw lill-ġens Malti bħala familja Kattolika, li l-lingwa tagħha hija l-Malti, u li għandha storja ta' tbatija iżda wkoll ta' suċċessi kbar. Il-poeżiji kif iwasslu din l-interpretazzjoni tal-ġens Malti?

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA**

**Agħżel titlu WIEĦED. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. Minkejja li jirrakkonta l-ġrajja ta' karattri li l-ħin kollu jagħmluha ma' xulxin, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer jippreżenta karattri li fl-aħħar mill-aħħar iħossuhom waħedhom. Ir-rumanz kif jirrakkonta s-solitudni tal-karattri tiegħu?

2. Ir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer jaqbad, fost l-oħrajn, it-tema tal-imħabba bejn il-maħbubin. Kif jirrappreżenta din l-imħabba? X'effetti joħloq il-kuntrast bejn l-imħabba "ideali" ta' Vira u l-imħabba żienja u qarrieqa ta' Klara?

3. X'inhuma l-indikazzjonijiet ewlenin fid-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer li dan huwa rakkont simboliku? Kemm hu minnu li dan is-simboliżmu jirrakkonta storja li mhix marbuta ma' xi post jew żmien partikulari?

4. Kemm taħseb li d-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer iġelled l-istint kollettiv mas-sentiment personali? F'liema waqtiet jidher l-aktar dan il-kunflitt?

**(Total: 20 marka)**